# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016

**Talba Nru: 238/2016/VG**

**Entity International Marine Centre Limited [C-2783] ghan-nom ta' klijent International Marine Centre**

**Vs**

**Donald Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-27 ta' Gunju, 2016** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elf mitejn u hamsin euro [€1,250] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut hu debitur tal-kumpanija attrici fis-somma ta' Euro 1,250 ghal supply ta' merkanzija skond invoices numru 1920 tas-16.6.2014 u no. 2048 tal-19.6.2014 (dok. IM1) u dana peress illi c-cekk mahrug favur dan il-pagament mill-kumpanija konvenuta Market Handle Limited ma setghax jissarraf minhabba nuqqas ta' fondi (dok. IM2). Illi l-kumpanija attrici interpellat lill-

konvenut biex ihallasha diversi drabi fosthom permezz t'ittra legali datata 22.12.2014 (dok. IM3), izda baqa inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kas.

Ghaldaqstant il-kumpanija attrici titlob bir-rispett lill dan l-".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-8 ta' Lulju, 2016 u li baqa ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' l-Avukat Isabelle Bharwani Scicluna li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Bharwani Scicluna ddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf mitejn u hamsin [€1,250] in konnessjoni ma' merkanzija skond fatturi bin-numri 1920 u 2048 mahruga fis-16 ta' Gunju, 2014 u fid-19 ta' Gunju, 2014 rispettivament u dana peress illi c-cekk mahrug favur dan il-pagament mill-kumpanija konvenuta Market Handle Limited ma setghax jissarraf minhabba nuqqas ta' fondi.

Ikkunsidra;

2. L-Avukat Isabelle Bharwani Scicluna kkonfermat bil-gurament taghha llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fit-8 ta' Lulju, 2016 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mitejn u hamsin euro [€1,250] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-dati tal-fatturi hawn fuq imsemmija sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**